KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2012

(SWD(2012) 130 final)

(SWD(2012) 131 final)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 158/04)

WERREJ

INTRODUZZJONI . . . 6

IL-POLITIKA TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT U D-DIRETTIVA TAL-ETS . . . 6

1. MIŻURI SPEĊIFIĊI KOPERTI MINN DAWN IL-LINJI GWIDA . . . 7

1.1. Għajnuna għall-impriżi, f'setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju minħabba li l-kosti tal-kwoti tal-ETS tal-UE ttrasferiti fil-prezzijiet tal-elettriku (għajnuna għall-kosti indiretti tal-emissjonijiet) . . . 7

1.2. Għajnuna għall-investiment lil impjanti tal-enerġija b'effiċjenza għolja, inklużi impjanti ġodda tal-enerġija li huma lesti għall-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju attrezzati għas-(CCS) 8

1.3. L-għajnuna involuta fi kwoti bla ħlas tranżitorji fakultattivi għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni elettrika . . . 8

1.4. L-għajnuna li tirrigwarda installazzjonijiet żgħar u sptarijiet eskluży mill-ETS tal-UE . . . 9

2. L-AMBITU TAL-APPLIKAZZJONI U D-DEFINIZZJONIJIET . . . 9

2.1. L-ambitu tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida . . . 9

2.2. Definizzjonijiet . . . 9

3. MIŻURI TA' GĦAJNUNA KOMPATIBBLI SKONT L-ARTIKOLU 107(3) TAT-TRATTAT . . . 9

3.1. Għajnuna għall-impriżi, f'setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju minħabba li l-kosti tal-kwoti tal-ETS tal-UE ttrasferiti fil-prezzijiet tal-elettriku (għajnuna għall-kosti indiretti tal-emissjonijiet) . . . 9

3.2. L-għanjuna għall-investiment lil impjanti tal-enerġija ġodda b'effiċjenza għolja, inklużi impjanti ġodda tal-enerġija li huma attrezzati għas-CCS ukoll . . . 11

3.3. L-għajnuna involuta fi kwoti bla ħlas tranżitorji fakultattivi għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni elettrika . . . 12

3.4. L-għajnuna li tirrigwarda installazzjonijiet żgħar u sptarijiet eskluży mill-ETS tal-UE . . . 13

3.5. Il-Proporzjonalità . . . 13

4. IL-KUMULU . . . 13

5. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI . . . 13

5.1. Rappurtar annwali . . . 13

5.2. It-Trasparenza . . . 14

5.3. Il-Monitoraġġ . . . 14

5.4. Il-perjodu ta' applikazzjoni u reviżjoni . . . 14

ANNESS I . . . 16

Definizzjonijiet . . . 16

ANNESS II 19

Setturi u subsetturi meqjusa ex-ante li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju minħabba l-kosti indiretti tal-emissjonijiet 19

ANNESS III 21

Valuri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku għall-prodotti koperti mill-kodiċi NACE fl-Anness II 21

ANNESS IV 22

Fatturi tal-emissjonijiet massimi reġjonali tas-CO_2 f'żoni ġeografiċi differenti (tCO_2/MWh) 22

INTRODUZZJONI

IL-POLITIKA TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT U D-DIRETTIVA TAL-ETS

1. Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 ([1]) stabbilixxiet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni (l-ETS tal-UE), filwaqt li d-Direttiva 2009/29/KE ([2]) tejbet u estendiet l-ETS tal-UE b'effett mill-1 ta' Jannar tal-2013. Id-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata ([3]), minn hawn 'il quddiem qiegħda tissejjaħ "id-Direttiva tal-ETS". Id-Direttiva 2009/29/KE tagħmel parti minn pakkett leġiżlattiv li fih mizuri għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u b'użu baxx ta' karbonju. Il-pakkett kien imfassal l-aktar biex tinkiseb il-mira ambjentali globali tal-Unjoni ta' tnaqqis ta' 20 % f'emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra meta mqabbel mal-1990 u 20 % mis-sehem ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum totali tal-enerġija tal-Unjoni sal-2020.

2. Id-Direttiva dwar l-ETS tipprovdi għall-miżuri speċjali u temporanji li ġejjin fir-rigward ta' ċerti impriżi: għajnuna sabiex tiġi kkumpensata ż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku li jirriżultaw mill-inklużjoni tal-kosti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minħabba l-ETS tal-UE (magħrufa b'mod komuni bħala "kosti indiretti tal-emissjonijiet"), għajnuna għall-investiment lil impjanti tal-enerġija effiċjenti ħafna, inklużi l-impjanti tal-enerġija ġodda li huma lesti għall-qbid u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 (attrezzati għas-CCS), kwoti tranżitorji fakultattivi bla ħlas fis-settur tal-elettriku f'xi Stati Membri, u l-esklużjoni ta' ċerti installazzjonijiet żgħar mill-ETS tal-UE jekk it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jistgħu jinkisbu barra l-qafas tal-ETS tal-UE b'inqas kosti amministrattivi.

3. Il-miżuri speċjali u temporanji previsti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-ETS jinvolvu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 108 tat-Trattat, l-għajnuna mill-Istat trid tiġi nnotifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u jista' jkun li ma tidħolx fis-seħħ qabel ma tiġi approvata mill-Kummissjoni.

4. Sabiex jiżguraw it-trasparenza u ċ-ċertezza legali, dawn il-Linji gwida jispjegaw il-kriterji tal-kompatibbiltà li ser jiġu applikati għal dawn il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, kif ġew imtejba u estiżi mid-Direttiva 2009/29/KE.

5. Skont it-test tal-bilanċ imfassal fl-aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-2005 ([4]), l-għan ewlieni tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-ETS tal-UE huwa li jiġi żgurat li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jirriżultaw f'livell akbar ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra milli kieku kien iseħħ mingħajr l-għajnuna, u biex jiġi żgurat li l-effetti pożittivi tal-għajnuna jegħlbu lill-effetti negattivi tagħha f'termini ta' disorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern. L-għajnuna mill-Istat trid tkun neċessarja biex jinkiseb l-għan ambjentali tal-ETS tal-UE (neċessità tal-għajnuna) u trid tkun limitata għall-anqas ammont li jkun meħtieġ għall-kisba tal-protezzjoni ambjentali (il-proporzjonalità tal-għajnuna) mingħajr ma jinħolqu distorsjonijiet żejda fl-oqsma tal-kompetizzjoni u l-kummerċ tas-suq intern.

6. Ladarba d-dispożizzjonijiet introdotti mid-Direttiva 2009/29/KE se jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013, l-għajnuna mill-Istat ma tistax titqies meħtieġa sabiex jitnaqqas kwalunkwe piż li jirriżulta minn din id-Direttiva qabel din id-data. Bħala konsegwenza, il-miżuri koperti minn dawn il-Linji Gwida jistgħu jiġu awtorizzati biss għall-kosti imġarrba fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara dik id-data, għajr għall-għajnuna involuta fil-kwoti bla ħlas tranżitorji fakultattivi għall-immodernar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku (f'ċerti Stati Membri), li jistgħu jinkludu, skont ċerti kondizzjonijiet, investimenti li jkunu saru mill-25 ta' Ġunju 2009 inklużi fil-Pjan Nazzjonali.

([1]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta'Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([2]) Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).

([3]) Id-Direttiva 2004/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru tal-2004 (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18); Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru tal-2008, ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3; Ir-Regolament (KE) 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu tal-2009 (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109).

([4]) Pjan ta' Azzjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat – Anqas għajnuna mill-Istat iżda mmirata aħjar: pjan direzzjonali dwar ir-riforma tal-għajnuna mill-Istat 2005-2009, COM(2005) 107 finali, 7.6.2005.

1. MIŻURI SPEĊIFIĊI KOPERTI MINN DAWN IL-LINJI GWIDA

1.1. Għajnuna għall-impriżi, f'setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju minħabba li l-kosti tal-kwoti tal-ETS tal-UE ttrasferiti fil-prezzijiet tal-elettriku (għajnuna għall-kosti indiretti tal-emissjonijiet)

7. Skont l-Artikolu 10a(6) tad-Direttiva tal-ETS, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat favur issetturi jew is-subsetturi li jitqiesu li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju minħabba l-kosti relatati mal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra ttrasferiti fil-prezzijiet tal-elettriku (minn hawn 'il quddiem "kosti indiretti tal-emissjonijiet"), sabiex jikkumpensaw għal dawk il-kosti skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, "ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju" tiddeskrivi l-prospettiva ta' żieda fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra globali, meta l-kumpaniji jċaqalqu l-produzzjoni barra mill-Unjoni, għax ma jkunux jistgħu jittrasferixxu ż-żidiet tal-kosti kkawżati mill-ETS tal-UE lill-klijenti tagħhom mingħajr telf sinifikanti tas-sehem mis-suq.

8. L-indirizzar tar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju għandu għan ambjentali, ġaladarba l-għajnuna jkollha l-għan li tiġi evitata żieda fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra minħabba ċ-ċaqliq tal-produzzjoni barra mill-Unjoni, fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali li jorbot dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra. Fl-istess waqt, għajnuna għall-kosti indiretti tal-emissjonijiet jista' jkollha impatt negattiv fuq l-effiċjenza tal-ETS tal-UE. Jekk ma jkollhiex għan preċiż, l-għajnuna sserraħ lill-benefiċjarji mill-kosti indiretti tal-emissjonijiet tagħhom, u b'hekk tkun qiegħda tillimita l-inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet u għall-innovazzjoni fis-settur. Bħala riżultat ta' dan, il-kosti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ikollhom jitħallsu prinċipalment minn setturi oħrajn tal-ekonomija. Barra minn hekk, tali għajnuna mill-Istat tista' twassal għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern, b'mod partikulari meta impriżi fl-istess settur ikunu trattati b'mod differenti fi Stati Membri differenti minħabba restrizzjonijiet baġitarji differenti. Għaldaqstant, dawn il-Linji Gwida jeħtieġ li jindirizzaw tliet għanijiet speċifiċi: l-imminimizzar tar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju, iż-żamma tal-għan tal-ETS tal-UE għal dekorbanizzazzjoni kosteffiċjenti u tnaqqis tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

9. Matul il-proċess ta' adozzjoni tad-Direttiva 2009/29/KE, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni ([5]) li tistabbilixxi l-prinċipji ewlenin li biħsiebha tapplika fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat għall-kosti indiretti tal-emissjonijiet, sabiex tiġi evitata distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni.

10. Il-Kummissjoni vvalutat, fil-livell tal-Unjoni, il-limitu sa fejn huwa possibbli għal settur jew subsettur li jittrasferixxi l-kosti indiretti tal-emissjonijiet fil-prezzijiet tal-prodotti, mingħajr telf sinifikanti tas-sehem mis-suq lil installazzjonijiet barra l-Unjoni b'effiċjenza fl-emissjonijiet tal-karbonju.

11. L-ammont massimu ta' għajnuna li l-Istati Membri jistgħu jagħtu jrid jiġi kkalkulat skont formola li tikkunsidra l-installazzjoni tal-livelli ta' produzzjoni bażi jew il-livelli ta' konsum tal-elettriku bażi tal-installazzjoni kif definit f'dawn il-Linji Gwida, kif ukoll il-fattur ta' emissjonijiet tas-CO_2 tal-elettriku pprovdut minn impjanti b'kombustjoni f'żoni ġeografiċi differenti. Fil-każ ta' kuntratti ta' forniment tal-elettriku li ma jinkludu l-ebda kosti tas-CO_2, mhija ser tingħata l-ebda għajnuna mill-Istat. Il-formula tiżgura li l-għajnuna tkun proporzjonali u li żżomm l-inċentivi għall-effiċjenza tal-elettriku u li t-tranżizzjoni tal-elettriku tgħaddi minn dak "griż" għal dak "aħdar", skont il-premessa 27 tad-Direttiva 2009/29/KE.

12. Barra minn hekk, sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet fis-suq intern u jinżamm l-għan tal-ETS tal-UE sabiex tinkiseb dekarbonizzazzjoni kosteffikaċi, l-għajnuna ma tistax tikkumpensa bis-sħiħ għall-kosti tal-EUAs fi prezzijiet tal-elettriku u trid titnaqqas biż-żmien. L-intensitajiet digressivi tal-għajnuna huma fundamentali fit-tħaddim tal-għajnuna mill-Istat sabiex tiġi evitata d-dipendenza fuq l-għajnuna. Barra minn hekk, dawn se jżommu kemm l-inċentivi fit-tul biex jiġu internalizzati għal kollox fl-ambjent estern, kif ukoll l-inċentivi fuq żmien qasir biex taqleb għall-ġenerazzjoni ta' teknoloġiji li jarmu inqas CO_2, filwaqt li jiġi enfasizzat il-karattru temporanju tal-għajnuna u jingħata kontribut għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

([5]) L-Anness II għall-Anness 15713/1/08REV1 it-18 ta' Novembru 2008 (25.11) http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P6-TA-2008-0610&format=XML&language=EN

1.2. **Għajnuna għall-investiment lil impjanti tal-enerġija b'effiċjenza għolja, inklużi impjanti ġodda tal-enerġija li huma lesti għall-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju attrezzati għas-(CCS)**

13. Skont id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew ([6]) rigward l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva tal-ETS dwar l-użu ta' dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti, bejn l-2013 u l-2016 l-Istati Membri jistgħu jużaw dan id-dħul biex jappoġġaw il-bini ta' impjanti tal-enerġija b'effiċjenza għolja, inklużi impjanti ġodda tal-enerġija li huma lesti għall-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju *attrezzati għas-(CCS)*. Bħala *minus* għal din id-definizzjoni, skont l-Artikolu 33 tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/31/KE tat-23 ta' April 2009 il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju ([7]), l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-operaturi ta' impjanti ta' kombustjoni b'output elettriku li jkun ikklassifikat li jaqbeż it-300 MW jkunu vvalutaw ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri, jekk ikunx hemm id-disponibbiltà ta' siti ta' ħżin adegwati, jekk il-faċilitajiet ta' trasport ikunux teknikament u ekonomikament vjabbli, u jekk ikunx teknikament u ekonomikament vjabbli li jiġu mmodifikati għall-qbid tas-CO_2. Fejn il-valutazzjoni tkun waħda pożittiva, għandu jinstab spazju xieraq fis-sit tal-installazzjoni għat-tagħmir meħtieġ għall-qbid u l-kompressjoni tas-CO_2 ([8]).

14. Din l-għajnuna jeħtieġ li tfittex li żżid il-protezzjoni tal-ambjent li twassal għal anqas emissjonijiet tas-CO_2 meta mqabbel mat-teknoloġija avvanzati u tiffoka fuq xi nuqqas tas-suq billi tħalli impatt sostanzjali fuq il-protezzjoni ambjentali. L-għajnuna trid tkun meħtieġa, għandu jkollha effett ta' inċentiv u tkun proporzjonata. L-għajnuna għall-implimentazzjoni tas-CCS għall-qbid u ħżin ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u diġà ġiet ivvalutata skont ir-regoli alternattivi eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat b'mod partikolari, il-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali ([9]).

15. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-għajnuna, l-intensitajiet massimi tal-għajnuna jridu ivarjaw skont iż-żieda tal-portezzjoni ambjentali u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 (l-għan tad-Direttiva tal-ETS) tal-impjant tal-enerġija l-ġdid. Għaldaqstant, il-bidu tal-implimentazzjoni tal-katina sħiħa tas-CCS (jiġifieri l-bini u l-bidu effettiv tal-qbid, it-trasport u l-ħżin tas-CO_2) minn impjanti tal-enerġija ġodda qabel l-2020 għandha tiġi ppremjata meta mqabbel ma' impjanti tal-enerġija ġodda li jkunu attrezzati għas-CCS, iżda l-implimentazzjoni tas-CCS ma tistax tinbeda qabel l-2020. Barra minn hekk, meta jiġu kkunsidrati żewġ proġetti simili ta' impjanti tal-enerġija ġodda attrezzati għas-CCS, l-intensitajiet massimi permessibbli tal-għajnuna għandhom ikunu oħla għal proġetti magħżula fi proċess ta' irkant tassew kompetittiv ibbażat fuq kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji, li jiżgura b'mod effettiv li l-għajnuna tiġi limitata għall-minimu neċessarju u tiffavorixxi l-kompetizzjoni fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, wieħed jista' jassumi li l-offerti rispettivi jirriflettu l-benefiċċji kollha possibbli li jistgħu joħorġu mill-investiment addizzjonali.

1.3. **L-għajnuna involuta fi kwoti bla ħlas tranżitorji fakultattivi għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni elettrika**

16. Skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva tal-ETS, l-Istati Membri li jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet relatati mal-interkonnettività tan-netwerk tal-elettriku nazzjonali tagħhom jew mas-sehem ta' karburanti fossili tagħhom fil-ġenerazzjoni elettrika u mal-livell tal-PDG minn ras għal ras meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni, għandhom l-għażla li temporanjament jiddevjaw mill-prinċipju ta' rkant komplet u jagħtu kwoti mingħajr ħlas lill-ġeneraturi tal-elettriku li kienu joperaw sal-31 ta' Diċembru 2008 jew lill-ġeneraturi tal-elettriku li għalihom il-proċess ta' modernizzazzjoni kien fiżikament mibdi sal-31 ta' Diċembru 2008. Bi skambju għall-għoti ta' kwoti bla ħlas lill-ġeneraturi tal-enerġija, Stati Membri eleġibbli jridu jippreżentaw pjan nazzjonali ta' investiment ("Pjan Nazzjonali") li jiddeskrivi l-investimenti meħuda mir-riċevituri tal-kwoti bla ħlas jew minn operaturi oħra għall-modifika u għat-titjib tal-infrastruttura, għat-teknoloġiji ndaf għad-diversifikazzjoni tat-taħlit tal-enerġija u s-sorsi tal-provvista tagħhom.

([6]) Addendum għal "I/A" Nota mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għal COREPER/KUNSILL 8033/09 ADD 1 REV 1 tal-31 ta' Marzu 2009.

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/31/KE tat-23 ta' April 2009 u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140 5.6.2009, p. 114).

([8]) ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1

([9]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 8.

17. Dik id-deroga mill-prinċipju ta' irkant sħiħ permezz tal-għoti ta' kwoti tranżitorji mingħajr ħlas tinvolvi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, għaliex meta jagħtu konċessjonijiet mingħajr ħlas u jagħtu vantaġġ selettiv lil ġeneraturi tal-enerġija, l-Stati Membri jkunu qegħdin jiċċaħħdu minn dħul. Il-ġeneraturi tal-enerġija jistgħu jikkompetu ma' ġeneraturi tal-enerġija fi Stati Membri oħrajn. B'konsegwenza, dan il-fatt jista' joħloq distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u jħalli effetti fuq is-suq intern. L-għajnuna mill-Istat hija involuta wkoll fil-livell tal-investimenti fejn ir-riċevituri tal-kwoti bla ħlas se jeħduhom b'kost imraħħas.

1.4. **L-għajnuna li tirrigwarda installazzjonijiet żgħar u sptarijiet esklużi mill-ETS tal-UE**

18. Skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva tal-ETS, l-Istati Membri jistgħu jeskludu installazzjonijiet żgħar u sptarijiet mill-ETS tal-UE, sakemm dawn ikunu soġġetti għal miżuri li jiksbu tnaqqis ekwivalenti tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra. L-Istati Membri jistgħu jipproponu miżuri li japplikaw għal installazzjonijiet żgħar u sptarijiet li se jiksbu kontribut għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ekwivalenti għal dawk miksuba mill-ETS tal-UE. Dik il-possibbiltà li teskludihom mill-ETS tal-UE hija maħsuba biex toffri l-gwadann massimu, f'termini ta' tnaqqis tal-kosti amministrattivi għal kull tunnellata ekwivalenti ta' CO_2 eskluża mill-ETS.

19. L-esklużjoni tal-installazzjonijiet żgħar u tal-sptarijiet mill-ETS tal-UE tista' tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-Istati Membri għandhom marġini wiesa' ta' diskrezzjoni dwar id-deċiżjoni jekk jeskludux l-installazzjonijiet żgħar mill-ETS tal-UE u, jekk dan huwa minnu, liema tip ta' installazzjoni jeskludu u liema tip ta' miżuri għandhom jitolbu. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż li l-miżuri imposti mill-Istati Membri jistgħu jammontaw għal vantaġġ ekonomiku favur xi installazzjonijiet żgħar jew sptarijiet eskluži mill-ETS tal-UE, li x'aktarx jikkawża distorsjoni, jew jhedded li jikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ fis-suq intern.

2. L-AMBITU TAL-APPLIKAZZJONI U D-DEFINIZZJONIJIET

2.1. **L-ambitu tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida**

20. Dawn il-Linji Gwida japplikaw biss għall-miżuri ta' għajnuna speċifiċi pprovduti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-ETS. Il-Linji Gwida tal-Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali ([10]) ma japplikawx għal dawn il-miżuri.

2.2. **Definizzjonijiet**

21. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida se japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

3. MIŻURI TA' GĦAJNUNA KOMPATIBBLI SKONT L-ARTIKOLU 107(3) TAT-TRATTAT

22. L-għajnuna mill-Istat tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk din twassal għal żieda fil-protezzjoni ambjentali (tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra) mingħajr ma taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sal-punt li jkunu kontra l-interess komuni. Fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna, il-Kummissjoni tibbilanċja l-impatt pożittiv tal-miżura ta' għajnuna meta tikseb għan ta' interess komuni kontra l-effetti potenzjalment negattivi tagħha, bħad-distorsjoni tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni. Għal din ir-raġuni, it-tul ta' żmien tal-iskemi ta' għajnuna ma jistax ikun itwal mid-data sa meta japplikaw dawn il-Linji gwida. Dan bla ħsara għall-possibbiltà li Stat Membru jinnotifika mill-ġdid miżura li tkun testendi lil hinn miż-żmien li jkun stabbilit mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-iskema ta' għajnuna.

3.1. **Għajnuna għall-impriżi, f'setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju minħabba li l-kosti tal-kwoti tal-ETS tal-UE ttrasferiti fil-prezzijiet tal-elettriku (għajnuna għall-kosti indiretti tal-emissjonijiet)**

23. Għas-setturi u s-subsetturi elenkati fl-Anness II, l-għajnuna bħala kumpens għall-kosti tal-konċessjonijiet tal-ETS tal-UE u li tingħadda fil-prezzijiet tal-elettriku minħabba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-ETS u li tiġi mġarrba sal-1 ta' Jannar tal-2013, ser titqies kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-taqsima.

([10]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 8.

L-objettiv u l-ħtieġa tal-għajnuna

24. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, l-objettiv ta' din l-għajnuna huwa li jipprevjeni riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju, minħabba l-kosti tal-UEK ittrasferiti fil-prezzijiet tal-elettriku, jekk il-kompetituri minn pajjiżi terzi tiegħu ma jġarrbux kosti simili tas-CO_2 fil-kosti tal-elettriku tagħhom u l-benefiċjarju ma jkunx kapaċi jittrasferixxi dawn il-kosti fil-prezzijiet tal-prodott mingħajr ma jintilfu sehem mis-suq.

25. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji gwida, jitqies li jeżisti riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju biss jekk il-benefiċjarju jkun attiv f'settur jew subsettur elenkat fl-Anness II.

L-intensità massima tal-għajnuna

26. L-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-85 % tal-kosti mġarrba fl-2013, fl-2014 u fl-2015, 80 % tal-kosti mġarrba fl-2016, fl-2017 u fl-2018, 75 % tal-kosti mġarrba fl-2019 u fl-2020.

Kalkolu tal-ammont massimu tal-għajnuna

27. L-għajnuna massima li tista' titħallas lil kull installazzjoni għall-manifattura ta' prodotti fis-setturi u s-subsetturi elenkati fl-Anness II trid tiġi kkalkulata skont il-formula li jmiss:

(a) Fejn il-valuri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku elenkati fl-Anness III huma applikabbli għall-prodotti mmanifatturati mill-benefiċjarju, l-għajnuna massima li tista' titħallas għal kull installazzjoni għal kosti mġarrba fis-sena t tammonta għal:

$$Amaxt = Ai_t \times C_t \times P_{t-1} \times E \times BO$$

F'din il-formola, Ai_t hija l-intensità tal-għajnuna fis-sena t, espressa bħala frazzjoni (pereżempju 0,8); C_t huwa l-fattur ta' emissjoni tas-CO_2 (tCO_2/MWh) (fis-sena t); Pt-1 huwa l-prezz bil-quddiem tal-UEK fis-sena t-1 (EUR/tCO_2); E hija aplikabbli. Valur referenzjali għall-għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku għal prodott speċifiku definit fl-Anness III; u BO huwa l-Linja ta' Bażi tal-output. Dawn il-kunċetti huma ddefiniti fl-Anness I.

(b) Fejn il-valuri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku elenkati fl-Anness III ma jkunux applikabbli għall-prodotti mmanifatturati mill-benefiċjarju, l-għajnuna massima li tista' titħallas għal kull installazzjoni għal kosti mġarrba fis-sena t tammonta hija:

$$Amaxt = Ai_t \times C_t \times P_{t-1} \times EF \times BEC$$

F'din il-formola, Ai_t hija l-intensità tal-għajnuna fis-sena t, espressa bħala frazzjoni (pereżempju 0,8); C_t huwa l-fattur ta' emissjoni tas-CO_2 (tCO_2/MWh) (fis-sena t); Pt-1 huwa l-prezz bil-quddiem tal-UEK fis-sena t-1 (EUR/tCO_2); EF huwa l-valur referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku; u BEC huwa l-linja bażi tal-konsum tal-elettriku (MWh). Dawn il-kunċetti huma ddefiniti fl-Anness I.

28. Jekk installazzjoni timmanifattura prodotti li għalihom huwa applikabbli valur referenzjarju għall-effiċjenza tal-konsum tal-elettriku elenkat fl-Anness III u prodotti li għalihom huwa applikabbli valur referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku, il-konsum tal-elettriku għal kull prodott irid jinqasam skont tunnellaġġ rispettiv tal-produzzjoni ta' kull prodott.

29. Jekk installazzjoni timmanifattura prodotti li jkunu eliġibbli għal għajnuna (jiġifieri li jkunu jaqgħu fl-ambitu tas-setturi jew subsetturi eliġibbli elenkati fl-Anness II) u prodotti li ma jkunux eleġibbli għal għajnuna, l-ammont massimu ta' għajnuna li jista' jitħallas għandu jiġi kkalkulat biss għall-prodotti li jkunu eliġibbli għall-għajnuna.

30. L-għajnuna tista' titħallas lill-benefiċjaru fis-sena li jkunu ġġarrbu l-kosti jew fis-sena ta' wara. Jekk għajnuna titħallas fis-sena ta' meta jkunu ħarġu l-kosti, jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' aġġustament għall-ħlasijiet ex-post sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe ħlas għall-għajnuna żejjed jitħallas lura qabel l-1 ta' Lulju fis-sena ta' wara.

L-effett ta' inċentiv

31. Ir-rekwiżit ta' effett ta' inċentiv jitqies li jkun ġie ssodisfat jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha fit-Taqsima 3.1.

3.2. **L-għanjuna għall-investiment lil impjanti tal-enerġija ġodda b'effiċjenza għolja, inklużi impjanti ġodda tal-enerġija li huma attrezzati għas-CCS ukoll**

32. L-għajnuna għall-investiment mogħtija bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2016 għal impjanti ġodda tal-enerġija b'effiċjenza għolja se titqies kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima.

33. L-għajnuna għal investiment lil impjanti tal-enerġija b'effiċjenza għolja tista' tingħata biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impjant ġdid tal-elettriku b'effiċjenza għolja jaqbeż il-valur ta' referenza armonizzat tal-effiċjenza tal-impjanti tal-enerġija stipulat fl-Anness I għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/KE tad-19 ta' Diċembru tal-2011 tistabbilixxi valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għal produzzjoni separata ta' elettriku u sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) jew il-valur ta' referenza relevanti b'rabta mal-effiċjenza li jkun fis-seħħ meta tingħata l-għajnuna. Impjanti tal-enerġija ġodda u effiċjenti ħafna li jikkonformaw ma' dawk il-valuri ta' referenza tal-effiċjenza biss ma għandhomx ikunu eliġibbli għal għajnuna; u

(b) id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-awtorità li tagħti l-għajnuna tittieħed bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2016.

L-objettiv u l-ħtieġa tal-għajnuna

34. L-Istati Membri jridu juru li l-għan qiegħed jiffoka fuq nuqqas fis-suq billi jkollu impatt sostanzjali fuq il-protezzjoni ambjentali. L-għajnuna jrid jkollha effett ta' inċentiv li tirriżulta fil-bidla tal-imġiba tal-benefiċjarju li ħa l-għajnuna; dan l-effett ta' inċentiv għandu jiġi ppruvat permezz ta' xenarju kontrofattwali fejn tiġi pprovduta evidenza li mingħajr l-għajnuna l-benefiċjarju ma kienx se jidħol għall-investiment. Barra minn hekk, il-proġett li jingħata l-għajnuna ma jkunx jista' jibda qabel ma ssir is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri għandhom jagħtu prova li l-għajnuna ma tolqotx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ negattivament sa punt fejn tkun tmur kontra l-interess komuni, partikolarment fejn l-għajnuna tkun ikkonċentrata fuq għadd limitat ta' benefiċjarji jew fejn l-għajnuna x'aktarx li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-benefiċjarji fis-suq (fil-livell ta' grupp ta' kumpanija).

Il-kosti eliġibbli

35. Il-kosti eliġibbli se jkunu limitati għall-kosti totali ta' investiment fl-installazzjoni l-ġdida (asso tanġibbli u intanġibbli), li huma strettament meħtieġa għall-bini tal-impjant tal-enerġija l-ġdid. Barra minn hekk, fil-każ tal-bini ta' impjant tal-enerġija attrezzat għas-CCS, il-kosti biex tingħata prova tal-fattibbiltà ekonomika u teknika globali tal-implimentazzjoni ta' katina sħiħa tas-CCS ser ikunu eliġibbli. Il-kosti tal-installament ta' tagħmir tal-qbid, it-trasport u l-ħżin mhumiex ser ikunu kosti eliġibbli skont dawn il-Linji gwida, għaliex l-għajnuna għall-implimentazzjoni tas-CCS diġà hija vvalutata skont il-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali.

L-intensitajiet massimi tal-għajnuna

36. Għal impjanti ġodda tal-enerġija b'effiċjenza għolja li huma attrezzati għas-CCS u li jibdew l-implimentazzjoni tal-katina sħiħa tas-CCS qabel l-2020, l-għajnuna ma tistax taqbeż il-15 % tal-kosti eliġibbli.

37. Għal impjanti ġodda tal-enerġija b'effiċjenza għolja li huma attrezzati għas-CCS, iżda li ma jibdewx jimplimentaw il-katina sħiħa tas-CCS qabel l-2020, u li tingħatalhom għajnuna wara proċess ta' offerti ġenwinament kompetittiv li jippromwovi (i) l-aktar teknoloġiji ekoloġiċi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija fl-impjanti ġodda li jirriżultaw f'emissjonijiet aktar baxxi tas-CO_2 mqabbla mal-aktar teknoloġija avvanzata, u (ii) il-kompetizzjoni fis-suq tal-ġenerazzjoni elettrika, l-għajnuna ma tistax taqbeż l-10 % tal-kosti eliġibbli. Proċess ta' offerti ta' dan it-tip irid ikun ibbażat fuq kriterji ċari, trasparenti u mhux diskriminatorji u jwassal għall-parteċipazzjoni ta' għadd suffiċjenti ta' impriżi. Barra minn hekk, il-baġit relatat mal-proċess ta' offerti jrid ikun restrizzjoni li torbot, fis-sens li mhux il-parteċipanti kollha jistgħu jirċievu għajnuna.

([11]) ĠU L 343, 23.12.2011, p. 91.

38. L-għajnuna ma tistax taqbeż il-5 % tal-kosti eliġibbli għal dawk l-impjanti tal-enerġija ġodda b'effiċjenza għolja li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-punt 36 u 37 ta' hawn fuq.

39. Fil-każ li l-implimentazzjoni tal-katina tas-CCS ma tibdiex qabel l-2020, l-għajnuna għandha titnaqqas b'5 % tal-kosti eliġibbli tal-investimenti, jew għal 10 % jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3.2, paragrafu 37. Fil-każ ta' pagament tal-għajnuna bil-quddiem, l-Istati Membri għandhom jieħdu lura l-ammont li jkun qabeż il-limitu tal-għajnuna.

3.3. **L-għajnuna involuta fi kwoti bla ħlas tranżitorji fakultattivi għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni elettrika**

40. Mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2019, l-għajnuna mill-Istat involuta fi kwoti bla ħlas tranżitorji u fakultattivi għall-immodernar tal-ġenerazzjoni elettrika u għall-investimenti inklużi fil-Pjanijiet Nazzjonali, skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva tal-ETS, se titqies kompatibbli mas-suq intern fit-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kwota bla ħlas tranżitorja tingħata skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva tal-ETS u skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-dwida fuq il-metodoloġija biex talloka kwoti mingħajr ħlas b'mod tranżitorju lil installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku skont l-Artikolu 10c(3) tad-Direttiva tal-ETS ([12]) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni fakultattiva tal-Artikolu 10c tad-Direttiva tal-ETS ([13]);

(b) il-Pjan Nazzjonali jsegwi għan ta' interess komuni, bħal żieda fil-protezzjoni ambjentali, fid-dawl tal-għanijiet ġenerali tad-Direttiva tal-ETS;

(c) il-Pjan Nazzjonali jinkludi investimenti għall-adattament fi stadju aktar tard wara u l-aġġornament tal-infrastruttura, f'teknoloġiji ġodda u fid-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u l-għejun ta' provvista skont id-Direttva tal-ETS u li sar wara l-25 ta' Ġunju tal-2009;

(d) il-valur tas-suq (fil-livell ta' gruppi ta' kumpaniji) tal-kwoti bla ħlas matul il-perjodu kollu tal-allokazzjoni (ikkalkulat skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Marzu 2011 ([14]) jew id-dokument ta' gwida relevanti applikabbli meta tingħata l-għajnuna) ma jaqbiżx il-kosti totali għall-investimenti li daħal għalihom ir-riċevitur tal-kwoti bla ħlas (fil-livell ta' gruppi ta' kumpaniji). Jekk il-kosti totali tal-investiment ikunu anqas mill-valur tas-suq tal-kwoti jew ir-riċevitur tal-kwoti mingħajr ħlas ma jwettaq ebda investiment li jkun eliġibbli skont il-Pjan Nazzjonali, ir-riċevitur tal-kwoti mingħajr ħlas jrid jittrasferixxi d-differenza lil mekkaniżmu li jiffinanzja investiment ieħor li jkun eliġibbli skont il-Pjan Nazzjonali, u

(e) l-għajnuna ma tolqotx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ negattivament sal-punt fejn tkun tmur kontra l-interess komuni, partikolarment fejn l-għajnuna tkun ikkonċentrata fuq għadd limitat ta' benefiċjarji jew fejn l-għajnuna x'aktarx li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-benefiċarji fis-suq (fil-livell ta' grupp ta' kumpanija).

L-effett ta' inċentiv

L-effett ta' inċentiv jitqies li jkun ġie ssodisfat fir-rigward ta' investimenti li jsiru mill-25 ta' Ġunju tal-2009 'il quddiem.

Il-kosti eliġibbli

41. Il-kosti eliġibbli jridu jkunu limitati għall-kosti totali tal-investiment (assi tanġibbli u intanġibbli) elenkati fil-Pjan Nazzjonali li jikkorrispondu għall-valur tas-suq ta' kwoti bla ħlas (kkalkulati skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Marzu 2011 ([15]) jew id-dokument ta' gwida relevanti applikabbli meta tingħata l-għajnuna) mogħtija lil kull benefiċjarju, irrispettivament mill-kosti operattivi u mill-benefiċċji għall-installazzjoni li tikkorrispondi.

([12]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Marzu 2011 dwar gwida relatata mal-metodoloġija biex talloka kwoti mingħajr ħlas b'mod tranżitorju lil installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-elettriku skont l-Artikolu 10c(3) tad-Direttiva 2003/87/KEE(2011) 1983 finali, 29.3.2011.

([13]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Dokument ta' Gwida dwar l-applikazzjoni fakultattiva tal-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE (ĠU C 99, 31.3.2011, p. 9).

([14]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 13.

([15]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 13.

L-intensità massima tal-għajnuna

42. L-għajnuna ma tistax taqbeż l-100 % tal-kosti eliġibbli.

3.4. **L-għajnuna li tirrigwarda installazzjonijiet żgħar u sptarijiet esklużi mill-ETS tal-UE**

43. L-għajnuna involuta fl-esklużjoni ta' installazzjonijiet żgħar jew sptarijiet eżentati mill-ETS tal-UE mill-1 ta' Jannar 2013 se titqies kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat sakemm l-installazzjonijiet żgħar jew l-isptarijiet ikunu suġġetti għal miżuri ekwivalenti li jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra skont it-tifsira tal-Artikolu 27 tad-Direttiva tal-ETS u sakemm dak l-Istat Membru jkun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 27 tad-Direttiva tal-ETS.

L-effett ta' inċentiv

44. Ir-rekwiżit ta' effett ta' inċentiv jitqies li jkun ġie ssodisfat jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha fit-Taqsima 3.4.

3.5. **Il-Proporzjonalità**

45. L-Istati Membri jridu juru li l-ammont tal-għajnuna li jingħata lill-benefiċjarju jkun limitat għall-minimu li jkun meħtieġ. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna f'intensitajiet aktar baxxi minn dawk imsemmija fil-Linji Gwida.

4. **IL-KUMULU**

46. L-ammonti massimi ta' għajnuna stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida ma jistgħux jinqabżu irrispettivament minn jekk l-appoġġ huwiex iffinanzjat kompletament minn riżorsi tal-Istat jew jekk huwiex parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni.

47. L-għajnuna meqjusa kompatibbli taħt dawn il-Linji Gwida ma tistax tiġi kkombinata ma' għajnuna oħra mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat jew ma' forom oħra ta' finanzjament mill-Unjoni jekk tali kombinazzjoni tirriżulta f'intensità ta' għajnuna ogħla minn dik stabbilita f'dawn il-Linji Gwida. Madankollu, fejn in-nefqa eliġibbli għal għajnuna għal miżuri koperti minn dawn il-Linji Gwida tkun eliġibbli, kollha kemm hi jew parti minnha, għal għajnuna għal għanijiet oħra, il-porzjon komuni jkun soġġett għall-massimu tal-għajnuna l-aktar favorevoli taħt ir-regoli applikabbli.

5. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

5.1. **Rappurtar annwali**

48. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([16]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 ([17]) li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 659/1999, l-Istati Membri jridu jissottomettu rapporti annwali lill-Kummissjoni.

49. Lil hinn mir-rekwiżiti stipulati f'dawn ir-Regolamenti, ir-rapporti annwali għall-miżuri ta' għajnuna ambjentali jrid ikollhom informazzjoni addizzjonali dwar l-iskemi rispettivi approvati. B'mod partikolari, fir-rapporti annwali tagħhom l-Istati Membri għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

— l-ismijiet tal-benefiċjarju u l-installazzjonijiet tiegħu li jkunu ser jirċievu għajnuna,

— is-settur(i) jew subsettur(i) fejn il-benefiċjarju huwa attiv,

— is-sena li għaliha l-għajnuna tkun qiegħda titħallas u s-sena li fiha qiegħda titħallas,

— il-*linja bażi tal-output* għal kull installazzjoni megħjuna fis-(sub)settur pertinenti,

— *l-estensjonijiet sinifikanti tal-kapaċità* jew it-tnaqqis, fejn ikun relevanti,

— il-produzzjoni annwali għal kull installazzjoni megħjuna fis-(sub)settur pertinenti għal kull sena użata biex tiġi ddeterminata l-*linja bażi tal-output*,

([16]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([17]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

— il-produzzjoni annwali għal kull installazzjoni meġħjuna fis-(sub)settur pertinenti għas-sena li l-għajnuna qiegħda titħallas,

— il-produzzjoni annwali ta' prodotti manifatturati oħrajn minn kull installazzjoni meġħjuna li ma jkunux koperti *b'valuri referenzjarji għall-effiċjenza tal-konsum tal-elettriku* għal kull waħda mis-snin użati biex tiġi determinata l-*linja bażi tal-output* (jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' *valur referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku*),

— il-*linja bażi tal-konsum tal-elettriku* għal kull installazzjoni meġħjuna (jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' *valur referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku*),

— il-konsum annwali tal-elettriku għal kull waħda mis-snin użati biex jiġu determinati l-*linji bażi tal-konsum tal-elettriku* (jekk qed tingħata xi għajnuna bl-użu ta' *valur referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku*),

— il-konsum annwali tal-elettriku tal-installazzjoni għas-sena li għaliha titħallas l-għajnuna (jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' *valur referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku*),

— il-*prezz bil-quddiem tal-UEK* użat biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju,

— l-*intensità tal-għajnuna*,

— il-*fattur ta' emissjonijiet tas-*CO_2 nazzjonali.

50. Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ regolari tal-għajnuna li tingħata lil impriżi f'setturi u subsetturi meqjusa bħala esposti għal riskju sinifikanti ta' emissjonijiet ta' karbonju minħabba kosti ta' kwoti tal-ETS tal-UE li jingħaddew fil-prezzijiet tal-elettriku deskritti fit-Taqsima 3.1. Permezz ta dan, hija taġġorna l-informazzjoni tagħha dwar id-daqs tal-kost indirett li jingħadda u l-konsegwenzi possibbli tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

51. Fir-rigward ta' għajnuna mogħtija lil impjanti ġodda tal-enerġija b'effiċjenza għolja, inklużi dawk attrezzati għas-CCS, l-Istati Membri jridu jinkludu fir-rapporti annwali tagħhom l-informazzjoni li ġejja:

— l-ismijiet tal-benefiċjarji,

— l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju,

— l-intensità tal-għajnuna,

— il-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet fit-Taqsima 3.2, paragrafu 32 dwar iż-żmien għall-għoti tal-għajnuna,

— il-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet fit-taqsima 3.2, paragrafu 36 dwar il-bidu tal-implimentazzjoni ta' katina sħiħa tas-CCS qabel l-2020.

5.2. **It-Trasparenza**

52. Il-Kummissjoni tqis li miżuri ulterjuri huma meħtieġa sabiex titjieb it-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat fl-Unjoni. B'mod partikolari, irid jiġi żgurat li l-Istati Membri, l-operaturi ekonomiċi, il-partijiet interessati u l-Kummissjoni jkollhom aċċess faċli għat-test sħiħ dwar l-iskemi applikabbli kollha ta' għajnuna ambjentali.

53. Dan il-għan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' websajts. Għal dik ir-raġuni, fil-valutazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna, il-Kummissjoni se titlob b'mod sistematiku lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jippubblika t-test sħiħ tal-iskemi finali kollha ta' għajnuna fuq l-internet u biex jikkomunika l-indirizz tal-internet tal-pubblikazzjoni lill-Kummissjoni.

5.3. **Il-Monitoraġġ**

54. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekords dettaljati li jirrigwardjaw l-għoti tal-għajnuna għall-miżuri kollha huma miżmuma. Tali rekords, li jridu jinkludu l-informazzjoni kollha neċessarja biex jiġi stabbilit li l-kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-kosti eliġibbli u l-intensità massima ta' għajnuna permissibbli jkunu ġew osservati, jridu jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna u jridu jiġu pprovduti lill-Kummissjoni meta din titlobhom.

5.4. **Il-perjodu ta' applikazzjoni u reviżjoni**

55. Il-Kummissjoni ser tapplika dawn il-Linji Gwida mill-ewwel jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

56. Il-Linji Gwida jkunu applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2020. Wara li tikkonsulta mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' temendahom qabel dik id-data fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet importanti dwar il-politika tal-kompetizzjoni jew dwar il-politika ambjentali, jew sabiex tqis politiki tal-Unjoni oħrajn jew impenji internazzjonali. Tali emendi jistgħu jkunu meħtieġa b'mod partikolari fid-dawl ta' ftehimiet internazzjonli futuri fil-qasam tat-tibdil fil-klima, u l-leġiżlazzjoni futura dwar it-tibdil fil-klima ġewwa l-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' twettaq reviżjoni ta' dawn il-Linji Gwida kull sentejn wara l-adozzjoni tagħhom.

57. Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-Linji Gwida għall-miżuri kollha ta' għajnuna nnotifikata li dwarhom hija tkun mitluba tieħu deċiżjoni wara li l-Linji Gwida jkunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali, anke meta l-proġetti jkunu ġew innotifikati qabel il-pubblikazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni ser tapplika r-regoli stabbiliti fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna illegali mill-Istat [18] għal kull għajnuna illegali.

[18] ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

ANNESS I

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

— "għajnuna" tfisser kwalunkwe miżura li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat;

— "perjodu għall-għotja ta' għajnuna" jfisser sena jew aktar snin, fil-perjodu 2013-2020. Jekk Stat Membru jixtieq jagħti għajnuna korrispondenti għal perjodu iqsar, għandu jieħu bħala referenza sena kummerċjali tal-benefiċjarji u jagħti għajnuna fuq bażi annwali;

— "intensità massima tal-għajnuna" tfisser l-ammont totali ta' għajnuna espress bħala perċentwali tal-kosti eliġibbli. Iċ-ċifri kollha użati jridu jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ħlas ieħor. Fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra barra milli bħala għotja, l-ammont ta' għajnuna jrid jkun l-ekwivalenti għall-għotja ta' għajnuna f'termini ta' valur. Għajnuna pagabbli f'diversi pagamenti għandha tiġi kkalkulata fil-valur preżenti nett totali tagħha fil-mument li jingħata l-ewwel pagament, bl-użu tar-rata ta' referenza relevanti tal-Kummissjoni għall-iskontar tal-valur matul iż-żmien. L-intensità tal-għajnuna hija kkalkulata għal kull benefiċjarju;

— "awtoġenerazzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni elettrika minn installazzjoni li ma tikkwalifikax bħala "ġeneratur tal-elettriku" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(u) tad-Direttiva 2003/87/KE;

— "benefiċjarju" tfisser impriża li tirċievi l-għajnuna;

— "attrezzat għas-CCS" tfisser li installazzjoni wriet li siti adatti għall-ħżin huma disponibbli, li faċilitajiet tat-trasport huma teknikament u ekonomikament possibbli u li huwa teknikament u ekonomikament possibbli li jiġi modifikat għall-ġbir tas-CO_2, hekk kif inċentivi suffiċjenti fis-suq fl-għamla ta' limitu ta' prezz tas-CO_2 jintlaħqu. B'mod partikolari, *attrezzat għas-CCS* teħtieġ:

  — Prova tal-possibbiltà li t-tagħmir jista' jiġi mmodifikat għall-qbid tas-CO_2. Għandu jsir studju tekniku speċifiku għas-sit li juri f'biżżejjed dettall ta' inġinerija li l-faċilità hija teknikament kapaċi għat-tagħmir li jista' jiġi mmodifikat kompletament għall-qbid tas-CO_2, b'rata ta' qbid jew 85 % jew aktar, bl-użu ta' waħda jew aktar mit-tipi ta' teknoloġija li jkunu ppruvati qabel, jew li l-prestazzjoni tagħhom tista' tiġi stmata b'mod affidabbli bħala adatta;

  — Il-kontroll tal-ispazju addizzjonali suffiċjenti fis-sit li fih it-tagħmir għall-qbid għandu jiġi installat.

  — L-identifikazzjoni ta' pipeline, jew aktar, teknikament u ekonomikament possibbli, jew rotta/rotot oħra tat-trasport għall-ħżin ġeoloġiku sikur tas-CO_2;

  — L-identifikazzjoni ta' sit potenzjal wieħed jew aktar għall-ħżin li ġew evalwati bħala xierqa għall-ħżin ġeoloġiku sikur ta' volumi u rati ta' CO_2 maqbuda, kif ipproġettati fuq firxa ta' ħajja sħiħa;

  — Prova tal-fattibbiltà ekonomika tal-immodifikar sħiħ/parzjali ta' sistema integtrata tas-CCS, mal-bqija tal-faċilità, fuq il-bażi ta' valutazzjoni ekonomika. Il-valutazzjoni għandha tipprovdi evidenza għal xenarji prattiċi, filwaqt li tqis it-tbassir tal-prezzijiet tas-CO_2, il-kosti tal-għażliet teknoloġiċi u ta' ħżin identifikati fl-studji tekniċi, il-marġini ta' żball u d-dħul operattiv proġettat tagħhom. Il-valutazzjoni se tindika ċ-ċirkostanzi li skonthom is-CCS għandu jkunu ekonomikament possibbli matul il-ħajja tal-installazzjoni proposta. Din għandha tinkludi wkoll pjan ta' implimentazzjoni potenzjali tas-CCS, fosthom skeda potenzjali tal-bidu tal-ħidma;

  — Prova li l-permessi relevanti kollha sabiex tiġi implimentata s-CCS jistgħu jiġu miksuba u l-identifikazzjoni tal-proċeduri u l-iskedi għal dan il-proċess;

— "protezzjoni ambjentali" tfisser kwalunkwe azzjoni mfassla biex tirrimedja jew tipprevjeni li ssir ħsara lill-ambjent fiżiku jew lir-riżorsi naturali bl-attivitajiet proprji tal-benefiċjarju, biex jitnaqqas ir-riskju ta' tali ħsara jew li jwassal għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali, inklużi l-miżuri li jiffrankaw l-enerġija u l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

— "Kwoti tal-Unjoni Ewropea (European Union Allowance - EUA)" tfisser kwoti trasferibbli li jemettu l-ekwivalenza ta' tunnellata waħda ta' CO_2 matul perjodu speċifikat;

— "valur miżjud gross (VMG)" tfisser valur miżjud gross skont il-kosti tal-fattur, li huwa l-valur tal-produzzjoni bit-tnaqqis tal-valur tal-konsum intermedju. Huwa kejl tal-kontribuzzjoni għall-PDG magħmula minn produttur individwali, l-industrija jew is-settur. VMG skont il-kost tal-fattur huwa VMG bil-prezzijiet tas-suq bit-tnaqqis ta' kwalunkwe taxxa indiretta flimkien ma' kwalunkwe sussidju. Il-valur miżjud skont il-kost tal-fattur jista' jiġi kkalkulat mill-fatturat,

flimkien mal-produzzjoni kapitalizzata, flimkien ma' introjtu operattiv ieħor, biż-żieda jew bit-tnaqqis tat-tibdil fil-ħażniet, u minnhom jitnaqqas ix-xiri ta' merkanzija u servizzi, jitnaqqsu t-taxxi l-oħrajn fuq prodotti li huma marbuta mal-fatturat iżda li mhumiex deduċibbli, u jitnaqqsu t-tariffi u t-taxxi marbuta mal-produzzjoni. Inkella, jista' jiġi kkalkulat mill-ammont żejjed gross operattiv billi jiġu miżjuda l-kosti tal-persunal. L-intorjtu u l-infiq ikklassifikati fil-kontijiet tal-kumpannija bħala finanzjarji jew straordinarji huma esklużi mill-valur miżjud. Il-valur miżjud skont il-kost tal-fattur huwa kkalkolat fuq il-livell gross, għax l-aggustamenti fil-valur (bħalma hu d-deprezzament) ma jitnaqqsux ([1]);

— "implimentazzjoni tal-katina tas-CCS' kollha" tfisser il-bini u l-bidu effettiv tal-ġbir, it-trasport u l-ħżin ta' CO_2;

— "installazzjonijiet żgħar" tfisser installazzjonijiet li jkunu rrappurtaw lill-awtorità kompetenti emissjonijiet annwali ta' inqas minn 25,000 tunnellata ekwivalenti ta' CO_2 u, fejn jitwettqu attivitajiet ta' kombustjoni, ikun hemm input termiku rreġistrat taħt il-35 MW, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa f'kull sena mit-tliet snin qabel in-notifika ta' miżuri ekwivalenti skont l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva tal-ETS;

— "Il-bidu tax-xogħol" tfisser jew il-bidu tax-xogħol ta' kostruzzjoni jew l-ewwel impenn sod biex jiġi ordnat it-tagħmir, għajr l-istudji preliminari ta' fattibbiltà.

— "assi tanġibbli" jfisser, għall-finijiet tal-ikkalkular tal-kosti eliġibbli, investiment fl-art, bini, impjant u tagħmir;

— "assi intanġibbli" jfisser, għall-finijiet tal-ikkalkular tal-kosti eliġibbli, l-infiq fuq it-trasferiment ta' teknoloġija permezz tax-xiri ta' liċenzji operattivi jew għarfien brevettat u mhux brevettat, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

  — l-assi intanġibbli kkonċernat ikun assi diprezzabbli,

  — jinxtara skont it-termini tas-suq, mingħand impriża fejn il-bejjiegħ ma jkollu l-ebda setgħa ta' kontroll dirett jew indirett,

  — ikun inkluż fl-assi tal-impriża, u jibqa' fl-istabbiliment tar-riċevitur tal-għajnuna u jintuża hemmhekk għal mill-anqas ħames snin. Din il-kundizzjoni ma tapplikax jekk l-ass intanġibbli jkun teknikament qadim. Jekk l-assi intanġibbli jinbiegħ matul dawk il-ħames snin, il-qligħ mill-bejgħ irid jitnaqqas mill-kosti eliġibbli u l-ammont kollu, jew parti minnu kif ikun xieraq, jiġi rrimborżat;

— "l-intensità tal-kummerċ" tfisser il-proporzjon bejn il-valur totali tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi flimkien mal-valur tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u d-daqs totali tas-suq għall-Unjoni (il-fatturat domestiku annwali tal-kumpaniji tal-Unjoni flimkien mal-importazzjoni totali minn pajjiżi terzi) għal kull statistika tal-Eurostat;

— "il-prezz bil-quddiem tal-UEK", f'EUR, tfisser il-medja sempliċi ta' kuljum ta' sena bil-quddiem tal-prezzijiet tal-UEK (il-prezzijiet tal-offerti tal-għeluq) għal konsenja f'Diċembru tas-sena li għaliha tingħata l-għajnuna, kif osservat fi skambju tal-karbonju partikolari tal-UE mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena li għaliha tingħata l-għajnuna. Pereżempju, għal għajnuna mogħtija fl-2016, hija l-medja sempliċi tal-prezzijiet tal-offerti tal-għeluq tal-UEK ta' Diċembru 2016 li ġew osservati mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 fi skambju partikolari tal-karbonju tal-UE.

— "fattur tal-emissjonijiet tas-CO_2", f'tCO_2/MWh, tfisser il-medja peżata tal-intensità tas-CO_2 ta' elettriku prodott minn fjuwils fossili f'żoni ġeografiċi differenti. Il-piż għandu jirrifletti t-taħlita tal-produzzjoni ta' fjuwils fossili fiż-żona ġeografika partikolari. Il-fattur tas-CO_2 huwa r-riżultat tad-diviżjoni tad-dejta ekwivalenti ta' emissjonijiet tas-CO_2 tal-industrija tal-enerġija diviża bil-Ġenerazzjoni grossa tal-elettriku bbażata fuq fjuwils fossili f'TWh. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, l-oqsma huma ddefiniti bħala żoni ġeografiċi (a) li jikkonsistu minn subswieq akkoppjati permezz ta' skambji ta' enerġija, jew (b) li fi ħdandhom ma tkun teżiti l-ebda konġestjoni ddikjarata u, fiż-żewġ każi, il-prezzijiet tal-iskambju tal-enerġija kull sigħa skont is-suq ta' jum bil-quddiem fiż-żoni li jkunu juru diverġenzi fil-prezzijiet f'EUR (permezz ta' rati tal-kambju ta' kuljum tal-BĊE) ta' massimu ta' 1 % f'għadd sinifikanti tas-sigħat kollha f'sena. Tali varjazzjoni reġjonali tirrifletti l-importanza ta' impjanti ta' karburant fossili għall-prezz finali ffissat fis-suq tal-operaturi u r-rwol tagħhom bħala impjanti marġinali fl-ordni tal-mertu. Biss il-fatt li jsir kummerċ ta' negozju bejn żewġ Stati Membri ma jfissirx awtomatikament li dawn jikkostitwixxu reġjun supranazzjonali. Minħabba n-nuqqas ta' dejta relevanti fil-livell subnazzjonali, fiż-żoni ġeografiċi jinkludu t-territorju sħiħ ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Fuq din il-bażi, iż-żoni ġeografiċi li ġejjin jistgħu jiġu identifikati: Nordiċi (id-Danimarka, l-Isvezja, il-Finlandja u n-Norveġja), il-Punent Ċentrali tal-Ewropa (l-Awstrija, il-Belġju, il-Lussemburgu, Franza, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi), l-Iberja (Portugall, Spanja), ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja u l-Istati Membri l-oħra separatament. Il-fatturi korrispondenti reġonali massimi tas-CO_2 huma elenkati fl-Anness IV;

— "linja bażi tal-output", f'tunellati kull sena, tfisser il-produzzjoni medja fl-installazzjoni matul il-perjodu ta' referenza 2005-2011 (*linja bażi tal-output*) għall-installazzjonijiet li joperaw kull sena mill-2005 sal-2011. Sena kalendarja partikolari (eż. l-2009) tista' tiġi eskluża minn dak il-perjodu ta' referenza ta' 7 snin. Jekk l-installazzjoni ma operatx għal mill-inqas sena mill-2005 sal-2011, imbagħad il-linja bażi tal-output għandha tiġi definita bħala l-produzzjoni

([1]) Il-kodiċi 12 15 0 fil-qafas legali stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-istatistika strutturali kummerċjali.

annwali sakemm ikun hemm erba' snin ta' operazzjoni rreġistrati, u wara tkun il-medja tat-tliet snin ta' qabel dan il-perjodu. Jekk, fil-perjodu tal-għoti tal-għajnuna, il-kapaċità tal-produzzjoni ta' installazzjoni tiġi estiża b'mod sinifikanti skont it-tifsira ta' dawn il-Linji gwida, il-linja bażi tal-output tkun tista' tiżdied fi proporzjon ma' din l-estensjoni tal-kapaċità. Jekk l-installazzjoni tnaqqas il-livell tal-produzzjoni f'sena kalendarja partikolari b'50 % sa 75 % meta mqabbel mal-linja bażi tal-output, l-installazzjoni ser tirċievi biss nofs l-ammont tal-għajnuna li tikkorrispondi għal-linja bażi tal-output. Jekk l-installazzjoni tnaqqas il-livell tal-produzzjoni f'sena kalendarja partikolari b'75 % sa 90 % meta mqabbel mal-linja bażi tal-output, l-installazzjoni ser tirċievi biss 25 % tal-ammont tal-għajnuna li tikkorrispondi għal-linja bażi tal-output. Jekk l-installazzjoni tnaqqas il-livell tal-produzzjoni f'sena kalendarja partikolari b'90 % jew aktar meta mqabbel mal-linja bażi tal-output, l-installazzjoni ma tista' tirċievi l-ebda għajnuna.

— "linja bażi tal-konsum tal-elettriku", f'MWh, ifisser il-medja tal-konsum tal-elettriku fl-installazzjoni (fosthom il-konsum tal-elettriku għall-produzzjoni ta' prodotti esternalizzati eliġibbli għal għajnuna) fuq il-perjodu ta' referenza 2005-2011 (*linja bażi tal-konsum tal-elettriku*) għal instalazzjonijiet li joperaw kull sena bejn l-2005 u l-2011. Sena kalendarja partikolari (eż. l-2009) tista' tiġi eskluża minn dak il-perjodu ta' referenza ta' 7 snin. Jekk l-installazzjoni ma toperatx għal mill-inqas sena mill-2005 sal-2011, il-linja bażi għall-konsum tal-elettriku għandha tiġi definita bħala l-konsum tal-elettriku annwali sakemm ikun hemm erba' snin ta' operazzjoni rreġistrati, u wara tkun definita bħala l-medja tat-tliet snin ta' qabel fejn ikun ġie rreġistrat l-operat. Jekk, fil-perjodu tal-għoti tal-għajnuna, il-kapaċità tal-produzzjoni ta' installazzjoni tiġi estiża b'mod sinifikanti, il-linja bażi tal-konsum tal-elettriku tkun tista' tiżdied bi proporzjon ma' din l-estensjoni tal-kapaċità. Jekk l-installazzjoni tnaqqas il-livell tal-produzzjoni f'sena kalendarja partikolari b'50 % sa 75 % meta mqabbel mal-linja bażi tal-output, l-installazzjoni ser tirċievi biss nofs l-ammont tal-għajnuna li tikkorrispondi għal-linja bażi tal-konsum. Jekk l-installazzjoni tnaqqas il-livell tal-produzzjoni f'sena kalendarja partikolari b'75 % sa 90 % meta mqabbel mal-linja bażi tal-output, l-installazzjoni ser tirċievi biss għal-25 % tal-ammont tal-għajnuna li tikkorrispondi għal-linja bażi tal-konsum. Jekk l-installazzjoni tnaqqas il-livell tal-produzzjoni f'sena kalendarja partikolari b'90 % jew aktar meta mqabbel mal-linja bażi tal-output, l-installazzjoni ma tirċievi l-ebda għajnuna;

— "estensjoni sinifikanti tal-kapaċità" jfisser żieda sinifikanti fil-kapaċità inizjali ta' installazzjoni fejn iseħħ dan li ġej:

  — bidla fiżika identifikabbli waħda jew aktar b'rabta mal-konfigurazzjoni teknika u li tiffunzjona aktar milli sempliċi sostituzzjoni ta' linja ta' produzzjoni eżistenti, u

  — l-installazzjoni tkun tista' tiġi operata b'kapaċità li tkun minn tal-anqas 10 % ogħla meta mqabbel mal-kapaċità inizjali installata fl-installazzjoni qabel il-bidla u dan jirriżulta minn investiment ta' kapital fiżiku (jew sensiela ta' investimenti inkrementali ta' kapital fiżiku).

L-installazzjoni trid tressaq provi lill-awtorità nazzjonali li tagħti l-għajnuna li turi li jkunu ġew issodisfati l-kriterji għal estensjoni sinifikanti tal-kapaċità u li l-estensjoni sinifikanti tal-kapaċità tkun ġiet ivverifikata bħala waħda sodisfaċenti minn verifikatur indipendenti. Din il-verifika trid tindirizza l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u r-reqqa tad-dejta mogħtija mill-installazzjoni u trid tagħti opinjoni ta' verifika li tiddikjara b'assigurazzjoni raġonevoli li d-dejta mressqa tkun ħielsa minn dikjarazzjonijiet materjali mhux veritieri.

— "valur referenzjarju għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku", f'MWh/Tunnellata ta' produzzjoni u definita fil-livell ta' Prodcom 8, tfisser il-konsum tal-elettriku speċifiku għall-prodott għal kull tunnellata ta' output miksuba permezz tal-aktar metodi effiċjenti tal-produzzjoni tal-elettriku għall-prodott meqjus. Fir-rigward ta' prodotti li jaqgħu fl-ambitu tas-setturi eliġibbli li fil-konfront tagħhom id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE [1] tkun stabbilixxiet il-possibbiltà ta' skambju ta' fjuwil u elettriku, id-definizzjoni tal-valuri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku issir fi ħdan l-istess konfini tas-sistema, b'kunsiderazzjoni biss tas-sehem tal-elettriku. Il-valuri referenzjarji korrispondenti tal-konsum tal-elettriku għall-prodotti koperti mis-setturi u s-subsetturi eliġibbli huma elenkati fl-Anness III.

— "valur referenzjarju alternattiv għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku", % tal-linja bażi tal-konsum tal-elettriku. Dan il-parametru għandu jiġi ddeterminat permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni flimkien mal-valuri referenzjarji tal-konsum tal-elettriku. Din tikkorrispondi għall-isforz medju tat-tnaqqis impost permezz tal-valuri referenzjarji tal-effiċjenza tal-konsum tal-elettriku (valur referenzjarju tal-konsum tal-elettriku/konsum tal-elettriku ex-ante). Hija applikata għall-prodotti kollha li jaqgħu fis-setturi eliġibbli jew subsetturi imma li għalihom il-valur referenzjarju għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku ma jkunx definit.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata minghajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1. L-Anness I.2 ta' din id-Deċiżjoni 2011/278/UE jelenka numru ta' prodotti fejn tali sostituzzjoni tal-karburant instabet li teżisti, għall-inqas sa ċertu punt.

ANNESS II

Setturi u subsetturi meqjusa ex-ante li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju minħabba l-kosti indiretti tal-emissjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn il-Linji gwida, l-installazzjoni ta' benefiċjarju tal-għajnuna tkun tista' tirċievi għajnuna mill-Istat għal kosti indiretti ta' emissjonijiet skont it-Taqsima 3.3 ta' dawn il-Linji gwida, biss jekk tkun attiva f'wieħed minn dawn is-setturi jew subsetturi li ġejjin. L-ebda settur jew subsettur ieħor mhuwa ser jitqies eliġibbli għal tali għajnuna.

	Kodiċi NACE ([1])	Deskrizzjoni
1.	2742	Produzzjoni tal-aluminju
2.	1430	Tħaffir għal minerali kimiċi u fertilizzanti mill-minjieri
3.	2413	Manifattura ta' kimiċi inorganiċi oħra
4.	2743	Produzzjoni ta' ċomb, żingu u landa
5.	1810	Manifattura ta' biċċiet tal-ġilda
6.	2710	Manifattura ta' ħadid u azzar bażiċi u ta' ligi tal-ħadid, fosthom pajpijiet tal-azzar mingħajr qsim
7.	2112	Manifattura ta' karta u kartun
8.	2415	Manifattura ta' fertilizzanti u komposti tan-nitroġenu
9.	2744	Produzzjoni tar-ram
10.	2414	Manifattura ta' kimiċi inorganiċi oħra
11.	1711	Għażil ta' fibri tat-tip tal-qoton
12.	2470	Manifattura ta' fibri magħmula mill-bniedem
13.	1310	Tħaffir għal ħadid mhux maħdum
14.		Is-subsetturi li ġejjin fi ħdan il-Manifattura ta' plastiki f'settur primarju tal-forom (2416):
	24161039	Politelen b'Densità Baxxa (LDPE)
	24161035	Politelen b'Densità Baxxa Lineari (LLDPE)
	24161050	Politelen b'Densità Għolja (HDPE)
	24165130	Poliproplen (PP)
	24163010	Klorur tal-Polivinil (PVC)
	24164040	Polikarbonat (PC)
15.		Is-subsetturi li ġejjin fi ħdan is-Settur tal-manifattura tal-polpa (2111):
	21111400	Polpa mekkanika

([1]) Skont in-NACE re.1.1: http://ec.europa.eu/eurostat/ramon/nomenclatures/index.cfm?TargetUrl=LST_CLS_DLD&StrNom=NACE_1_1&StrLanguageCode=EN&StrLayoutCode=HIERARCHIC

Nota spjegattiva dwar il-metodoloġija għad-definizzjoni tas-setturi u subsetturi eliġibbli għal għajnuna

1. Skont l-Artikolu 10a(15) tad-Direttiva tal-ETS, setturi jew subsetturi elenkati fit-tabella ta' hawn fuq jitqiesu li jkunu esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida fuq bażi kwantitattiva jekk l-intensità tal-kummerċ f'pajjiżi terzi tkun ogħla minn 10 % u t-total tal-kosti addizzjonali indiretti kaġun tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-ETS iwasslu għal żieda sostanzjali fil-kosti tal-produzzjoni, ikkalkulata bħala proporzjon tal-valur miżjud gross ta' mill-inqas 5 %.

2. Fil-kalkolu tal-kosti indiretti għall-fini tal-eliġibbiltà taħt dawn il-Linji Gwida, l-istess previżjoni tal-prezz tas-CO_2, kif ukoll l-istess fattur medju tal-emissjonijiet tal-UE għall-elettriku huwa applikat skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/2/UE [1]. L-istess dejta dwar il-kummerċ, il-produzzjoni u l-valur miżjud għal kull settur jew subsettur huma użati bħal kif użati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/2/UE. Il-komputazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tiddependi fuq l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet lejn il-pajjiżi kollha barra mill-UE, irrispettivament jekk dawn il-pajjiżi mhux tal-UE jimponux prezzijiet għas-CO_2 (permezz ta' taxxi fuq il-karbonju, jew sistemi cap-and-trade simili għall-ETS). Huwa wkoll mifhum li 100% tal-kost tas-CO_2 se jiġi ttrasferit fuq il-prezzijiet tal-elettriku.

3. Bħal ma hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10a(17) tad-Direttiva tal-ETS, sabiex jiġu determinati s-setturi u s-subsetturi eliġibbli elenkati fit-tabella ta' hawn fuq, il-valutazzjoni tas-setturi abbażi ta' kriterji kwantitattivi stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' hawn fuq, jistgħu jiġu supplimentati b'valutazzjoni kwalitattiva, fejn id-dejta relevanti tkun disponibbli, u rappreżentanti tal-industrija jew tal-Istati Membri jkunu għamlu talbiet plawżibbli u sostanzjati biżżejjed favur l-eliġibbiltà. Il-valutazzjoni kwalitattiva kienet applikata, l-ewwel, lis-setturi marġinali, jiġifieri s-setturi NACE -4 li jaffaċċjaw kosti miżjuda tal-emissjonijiet indiretti bejn 3-5 % u intensità tal-kummerċ ta' mill-inqas 10 %; it-tieni, lil setturi u subsetturi (inklużi fil-livell tal-Prodcom [2]) li għandhom dejta uffiċjali li hija nieqsa jew ta' kwalità baxxa; u, it-tielet, lil setturi u subsetturi (inklużi fil-livell tal-Prodcom) li jistgħu jitqiesu li ma ġewx rappreżentati biżżejjed mill-valutazzjoni kwantitattiva. Setturi jew subsetturi b'anqas minn 1 % f'kosti indiretti ta' CO_2 ma ġewx ikkunsidrati.

4. Il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà kwalitattiva l-ewwel iffukat fuq id-daqs tal-impatt asimettriku indirett tal-kost tas-CO_2 fuq is-sehem tal-valur gross miżjud tas-settur. L-impatt asimettriku tal-kost irid ikun kbir biżżejjed biex ikollu riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjoijiet tal-karbonju minħabba kosti indiretti tas-CO_2. Kosti indiretti tas-CO_2 li jkunu aktar minn 2.5 % tqiesu bħala li jissodisfaw dan il-kriterju. It-tieni nett, barra minn hekk, ġiet ikkunsidrata l-prova disponibbli relatata mas-suq li tindika li s-(sub)settur ma jistax jittrasferixxi l-kosti indiretti miżjuda lill-klijenti mingħajr ma jitlef sehem sinifikanti mis-suq fil-konfront ta' kompetituri minn pajjiżi terzi. Bħala għan li huwa konformi ma' dak l-iskop, ġie kkunsidrat li jkun meħtieġ li l-intensità kummerċjali tkun tlaħħaq tal-anqas il-25 % biex dak it-tieni kriterju jitqies bħala ssodisfat. Barra minn hekk, it-tieni kriterju jirrekjedi informazzjoni sostanzjata li tindika li s-settur tal-UE kkonċernat fil-parti l-kbira tiegħu x'aktarx li jkun f'pożizzjoni li ma jistax jinfluwenza l-prezzijiet (eż. prezzijiet li jiġu stabbiliti skont l-iskambju ta' prodott bażiku jew prova ta' korrelazzjonijiet ta' prezz madwar makroreġjuni); tali evidenza kienet appoġġjata minn informazzjoni ulterjuri, fejn din kienet disponibbli, dwar is-sitwazzjoni internazzjonali tad-domanda u l-provvista, il-kosti tat-trasport, il-marġni ta' profitt u l-potenzjal ta' tnaqqis tas-CO_2. It-tielet nett, l-iskambjabbiltà tal-fjuwil u l-elettriku ma' prodotti fis-settur, kif inhu stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE [3] ġiet ikkunsidrata wkoll.

5. Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet kwalitattivi u kwantitattivi huma riflessi fil-lista ta' setturi u subsetturi eleġibbli stabbiliti f'dan l-Anness, li hija maqgħluqa u tista' tiġi riveduta biss matul ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' dawn il-Linji gwida.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Diċembru 2009 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta' setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju, ĠU L 1, 5.1.2010, p. 10.

[2] Il-Lista għall-Produzzjoni Komunitarja hija disponibbli fuq http://ec.europa.eu/eurostat/ramon/nomenclatures/index.cfm?TargetUrl=LST_NOM_DTL&StrNom=PRD_2010&StrLanguageCode=EN&IntPcKey=&StrLayoutCode=HIERARCHIC

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1. L-Anness I.2 ta' din id-Deċiżjoni 2011/278/UE jelenka numru ta' prodotti fejn tali sostituzzjoni tal-karburant instabet li teżisti, għall-inqas sa ċertu punt.

ANNESS III

Valuri referenzjarji għall-effiċjenza fil-konsum tal-elettriku għall-prodotti koperti mill-kodiċi NACE fl-Anness II

Kodiċi NACE	Prodott definit fil-livell Prodcom 8	Standard ta' referenza MWh/T
	[prodott 1] … [prodott 2] … [prodott 3] …	… kull [t]
	[prodott 1] … [prodott 2] … [prodott 3] …	
	[prodott 1] … [prodott 2] … [prodott 3] …	
	[prodott 1] … [prodott 2] … [prodott 3] …	

ANNESS IV

Fatturi tal-emissjonijiet massimi reġjonali tas-CO_2 f'żoni ġeografiċi differenti (tCO_2/MWh)

		Elettriku
Ċentru Punent tal-Ewropa	L-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Lussemburgu	0,76
Ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja	Ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja	1,06
L-Iberja	Il-Portugall, Spanja	0,57
Nordiċi	Id-Danimarka, l-Isvezja, il-Finlandja, in-Norveġja	0,67
Il-Bulgarija		1,12
Ċipru		0,75
L-Estonja		1,12
Il-Greċja		0,82
L-Ungerija		0,84
L-Irlanda		0,56
L-Italja		0,60
Il-Latvja		0,60
Il-Litwanja		0,60
Malta		0,86
Il-Polonja		0,88
Ir-Rumanija		1,10
Is-Slovenja		0,97
Ir-Renju Unit		0,58

Nota spjegattiva dwar il-fattur ta' emissjonijiet reġjonali massimi ta' CO_2

Sabiex jiġi żgurat trattament indqas tas-sorsi tal-elettriku, u tiġi evitata l-possibilità ta' abbuži, l-istess fattur ta' emissjonijiet tas-CO_2 japplika għas-sorsi kollha ta' provvista tal-elettriku (il-ġenerazzjoni awtonoma tal-elettriku, il-kuntratti għall-forniment tal-elettriku jew il-forniment fuq is-sistema ta' distribuzzjoni) u għall-benefiċjarji kollha tal-għajnuna fl-Istat Membru kkonċernat.

Il-metodu sabiex jiġi stabbilit l-ammont massimu ta' għajnuna jqis il-fattur tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-elettriku fornit minn impjanti tal-kombustjoni f'żoni ġeografiċi differenti. Tali varjazzjoni reġjonali tirrifletti l-importanza ta' impjanti ta' karburant fossili għall-prezz finali ffissat fis-suq tal-operaturi u r-rwol tagħhom bħala impjanti marġinali fl-ordni tal-mertu.

Il-Kummissjoni ddeterminat minn qabel il-valur(i) reġjonali tal-fatturi tal-emissjonijiet tas-CO_2 imsemmija hawn fuq, li jikkostitwixxu valuri massimi għall-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna. Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw fattur ta' emissjonijiet tas-CO_2 aktar baxx għall-benefiċjarji kollha fit-territorju tagħhom.